# Epigrammi fuq in-Nisa (i)

## 223. MODESTA

Modesta ħoxna u smina qisha għoġla,
toħroġ skullata tippassiġġa spiss;
il-għoġla ma tistħix b'sidirha barra,
Modesta tistħi u tikxef nofsu biss.

## 224. GREZZ

"Tabib! tabib!" ir-raġel ħareġ jgħajjat;
"Xi ġralha Grezz?" il-ġirien staqsew f'daqqa;
u ġie t-tabib u sab li kull ma kellha:
għall-ewwel darba żammet kelma f'żaqqha!

## 225. IL-KPIEPEL TAN-NISA

Dejjem jibdlu fid-daqs, jibdlu fis-sura,
moda tagħhom staġun bil-kemm iddum;
min jista' jlumhom? jekk l-irjus ta' taħthom
mill-inqas jibdlu sitt darbiet kull jum!

## 226. OLGA

Kellha qalbha ħażina, qalbha kiefra,
mgħottija b'sider kbir, sider sabiħ;
u lil kull raġel, minflok kruhet qalbha,
kienet turih sidirha u tittradih.

## 227. VIRA

Vira qalbha tad-deheb, qalbha ħanina!
kull meta taqla' lira barranija
mingħand xi raġel, dejjem tixtri minnha
xi ħaġa 'l żewġha kollha ferreħija.

## 228. LELA

Kif rat id-demm itir fil-biċċerija,
l-istonku tqalleb u ma ġrietx bi ftit;
lanqas għaddew sagħtejn, madwar il-mejda
kienet issoff il-qoxra tal-mazzit.

## 229. LILL-QAMAR

Ja Qamar fis-smewwiet, ħajjet il-mara
mindu ssir xebba tkun marbuta miegħek;
u bħalek dejjem tbiddel, u ġo qalbha
dejjem hemm raġel bħalma hemm ġo tiegħek.

## 230. MARLENE

Aktar mix-xoffa tal-peprin f'tarf għalqa,
li tbus u tbus u tbus ma' kull buffura,
tbewset ix-xoffa ta' Marlene miżbugħa
mal-boton ġuvintur ta' żmien namruha.

## 231. TILGĦAB TA' SBEJĦA

Sebħet filgħodu u ndilket kollha żebgħa
u terra u rouge u lipstick u tlellix;
u fuq il-palk tal-ħajja ħarġet tidħak,
tilgħab ta' sbejħa u hienja, waqt li mhix.

## 232. X'TEMMEN L-OMM

L-omm tista' temmen illi bintha tikseb
raġel aħjar minn dak li żżewġet hija;
iżda taf żgur li binha ma jsibx mara
bħal ta' missieru, żgur mija fil-mija!

## 233. L-GĦARUSA

Bjuda ta' libsa, ta' kuruna u velu,
u bjuda ta' bukkett, bjuda ta' laħam;
iżda minn taħt hemm safa u hemm xbubija
daqs kemm hemm silġ u bjuda f'ruħ il-faħam.

## 234. MARI' U T-TIĠIEĠA

Tqaqi t-tiġieġa, tgħid lin-nies u tifraħ
kemm meta tbid għattuqa, kemm serduk;
mhux bħal Mari, li meta jkollha tifel
biss tgħid lin-nies u taqleb ta' taħt fuq.

## 235. EVELYN

Evelyn iġġagħal lil żewġha ż-żarbun jinża
fil-bieb biex ma jdaħħalx it-trabijiet;
u l-kbira hi illi issa bdiet tosserva
li ħafna trab idaħħlu mal-qalziet!

## 236. PAWLA

Tibża' biss mill-wirdien u minn xejn iżjed,
u taqbad ġewwa jdejha anki ġurdien;
u mara mill-aħjar, rabbiet 'l uliedha
fil-biża' t'Alla u l-biża' tal-wirdien.

## 237. TISTĦI DAQSXEJN

Qalbitlu l-pezez kollha, dawk tal-għażel,
tax-shirting, tal-bizzilla, u x-xoqqa fina;
u wara xi sagħtejn tistaqsi u tqalleb,
ħadet nofs qasba drapp għal tavolina.

## 238. QUDDIEM IL-MERA

Għandha uġigħ kbir ta' snien, fil-mera tħares
biex tara liema darsa qed tuġagħha;
'mma bl-uġigħ kbir li għandha, ta' kull darba
tagħti daqqa ta' għajn lejn ix-xagħar tagħha.

## 239. L-ARMLA

Wara tmint ijiem biki, l-mera qabdet
biex tara ftit kif wiċċha kien sarilha;
u fl-istess ħin tat daqqa t'għajn biex tara
l-ilbies tal-vistu kemm kien jixirqilha.

## 240. IT-TABIB IL-ĠDID

Ġie tabib ġdid irraħal, żgħir u bravu,
ġuvni u gustuż, u kliemu kollu ħlewwa;
u qabad dritt ix-xogħol! ix-xebbiet kollha
sejrin bi ħġarhom jagħmlu vista sewwa.

## 241. ĠORĠA L-ĦOXNA

L-akbar pjaċir li ħadet Ġorġa l-ħoxna,
meta marret it-tieġ tal-ġara tagħha,
kien li omm l-għarus kienet eħxen minnha,
u li biex titla' t-taraġ trid terfagħha.

## 242. IL-VANITA'

Kif kienu telgħin biha fuq il-forka,
il-prinċipessa talbet lill-ħaddara
biex jieqfu ftit: bil-għaġeb ta' kulħadd
ħarġet il-mera u rranġat ftit xagħarha.